# Beati u Qaddisin ...Frar

## 19 ta' Frar  San Corrado Confalonieri

Twieled fis-sena 1290 minn familja nobbli u kien ihobb hafna id-divertiment u l-hajja tal-palazzi. Jum wiehed fuq ordni ta' Corrado is-sefturi tieghu taw in-nar lir-roqgha haxix il-bosk biex iwaqqfu annimal tal-kacca li s-sinjur taghhom xtaqt li jaqbad.

In-nar xtered f'tebqa t'ghajn u s-servi tieghu ma setghux jikkontrollawh tant li ghamel hafna hsara lil xi djar. Meta raw li ma kellhomx kontroll fuqu Corrado u l-qaddejja tieghu regghu lura d-dar u ma qalu lil hadd b'dak li kien gara. Wiehed ragel li inzerta dak il-hin qed jigbor xi ftit injam gie akkuzat b'dak li kien gara u gie ukoll kkundannat ghall-mewt. Meta ra hekk, il-kuxjenza ta' Corrado ma felhitx izjed u stqarr li kien hu l-hati.


S. Corrado

B'hekk giet salvata hajja innocenti. Kellu ihallas id-danni kbar li sehhew u fi ftit mumenti ftaqar hu u l-gharusa tieghu. Din il-grajja dahhlithom gewwa qoxrithom u biddlitilhom hajjithom.

Bieghu il-ftit li kien fadlilhom u qassmuh lil foqra u t-tnejn qabdu t-triq tar-religjuzi, huwa haddan il-regola frangiskana u hi dik ta' Kjara. Corrado qabad it-triq ta' terzjarju frangiskan u rtira fl-eremitagg. Minn dak il-jum huwa beda riesaq fil-qrib lejn Alla bit-talb u l-penitenzi li kien jaghmel.

Huwa kien imur minn eremitagg ghall iehor, Waqaf Malta fejn sal-lum ghad hemm il-grotta fejn ghadda xi zmien jitlob u jimmedita. Din il-gotta ghada tezisti sal-lum maghrufa bhala l-grotta ta' San Corrado. Minn Malta telaq ghal Noto Antika. Hawn kien ukoll ta' servizz ghall-morda ta' l-Isptar ta' San Martin.

Hafna kienu jigu jzuruh izda hu ddecida li jitbieghed minn Noto biex isib post fis-solitudni, izda il-follol ma naqsux. Fid-19 ta' Frar 1351 miet u gie midfun fil-knisja ta' San Nicolo'.